KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 75

Il-Ħamsa u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgans | Kunsilliera |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:25pm:***

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 74;
75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:
75.5 Rapporti;
75.6 Approvazzjoni ta Q1 *Quarterly Report Jan to Mar 2024*
*75.7* Proposta mill-Viċi Sindku
75.8 Items Oħra;
75.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
75.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
75.11 Mozzjonijiet;
75.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

## 75.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**75.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva ebda ittra ta' apoloġija

## 75.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 74

**75.2.1** Ġie imressaq din il-korrezzjoni mill-kunsillier W Baldacchino: *Korrezzjonijiet tal-minuti*

*Emendi għal 74.6.8 li jinbidel għal:*

"Il-Kunsillier W. Baldacchino qajjem il-punt illi avolja huwa jippresjedi d-Dekasteru tal-**Isport u Attivitajiet Fiżiċi**, dan ma kien jaf assolutament xejn fuq din it-talba u rrimarka sabiex kwalunkwe talba sportiva tigi a konoxxenza tiegħu u mhux isir biss jaf biha waqt il-laqgħa tal-Kunsill"

*Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 74 għall-approvazzjoni.*

**Il-Kunsillier D Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier W Baldacchino. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 75.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**75.3.1** Is-sindku qal li wara insistenza tiegħu ma l-Infrastructure Malta fir-rigward tal- 'boulders' fil-bajja ta' Qui Si Sana, dan ix-xogħol sar bejn ilbieraħ 22 ta' Mejju. Kompla jgħid li b'kollox tneħħew 30 tunellata ta' blat. *QSS - Removal of boulders*

**75.3.2** Is-sindku qal li qed isir xogħol ta' tqegħid ta' konkos fil-bajja ta' l-Exiles. Dan ix-xogħol ukoll qed isir minn Infrastructure Malta u l-MTA bi spiża li taqbeż il-mija u ħamsin elf ewro. Kompla jgħid li dan ix-xogħol kien ilu sentejn biex isir. *Konkos ġdid għal bajja ta' l-Exiles*
Kompla jgħid li bi pjaċir, innota li dan ix-xogħol li kelli jieħu madwar

ġimagħtejn, tlesta fi żmien ġimgħa u b'hekk is-Slimiżi li jiffrekwenta din iż-żona, inkluż dawk b'diżabilità', issa għandhom aċċess komdu għal baħar.

75.3.3 Is-sindku qal li l-ilma li ħiereġ fiż-żona ta' Taormina mhuwiex drenaġġ, dan ġie ikkonfermat minn kampjuni ta' l-ilma li saru mid-dipartiment tas-saħħa u Infrastructure Malta. Kompla jgħid li fil-jiem li ġejjien ser ikun qed isir xogħol biex jinħafer gandott mill-kuntrattur tal-kunsill, ħalli l-ilma ma jibqax nieżel fil-passaġġ fejn jgħaddu n-nies. *Xogħolijiet bil-bajja ta' Taormina*

75.3.4 Is-sindku qal li din il-ġimgħa tpoġġew sitt qsari bis-siġar taż-żebbuġ ix-Xatt fuq in-naħa tal-ħwienet. Qal li sar ftehim ma tal-ħwienet li ser jieħdu ħsieb isaqquhom matul il-ġimgħa. *Qsari ġodda tax-Xatt*

Fin-naħa tal-baħar il-proġett tal-konki tlesta ukoll u fil-jim li ġejjien ser jimtlew bil-ħamrija, siġar u fjuri.

75.3.5 Is-sindku qal li ser jibda xogħol ta' bankini ġodda, kif ukoll, tibdil u *upgrading* tas-sistema ta l-ilma minn WSC minn Settembru, f'dawn it-toroq: Triq Alfons, Triq is-Salvatur, Triq Leone, Triq Karlo u Triq Falzon. *Xogħolijiet ta' bankini*

**Il-Kunsilliera V. Galea Pace daħlet għal laqgħa fis-6:35pm** *Ġemellaġġ ma Bialystok*

75.3.6 Is-sindku qal li rċieva stedina mill-lokalita' ta' Bialystok, fejn il-kunsill huwa ġemellat. Il-mawra ser issir bejn il-21 u l-23 ta' Ġunju. Qal li mill-uffiċċju ntbagħtet email sabiex naraw min hu interessat biex imur.
Ġie deċiż li dawn il-kunsilliera ser jattendu:
Is-Sindku, Kunsillier Tony Galea, Kunsillier David Muscat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jakkumpanja d-delegazzjoni.
Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsillier K. Wain daħal għal laqgħa fis-6:41pm**

75.3.7 Is-sindku qal li ġie rranġat parti ħdejn il-monument tal-gwerra ġewwa x-Xatt fejn kien hemm funtana l-antika, dan sar sabiex jitlesta *charging points,* għar-robots tat-tindif ta' CleanMalta.

## 75.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

75.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni mill-kunsill rigward jekk l-istess kunsill jixtieq jipparteċipa fil-*World Clean Up day* li qed tiġi organizzata mill-Reġjun Lvant. Iż-żona fejn ser isisr il-clean up ser tkun fiż-żona ta' fejn ikun hemm id-dgħajjes ipparkjati fil-bajja ta' Taormina. L-A. Seg. Eżek. staqsa jekk hemmx qbil mill-kunsilliera *World Clean Up Day*

preżenti dwar dan:
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsillier L. Borg daħal għal laqgħa fis-6:49pm**

75.4.2 L-A. Seg. Eżek. qal li l-kunsill irċieva kommunikazzjoni dwar installazzjoni ta' *bicycle racks* li ser ikunu *u-shaped* u ser jitpoġġew f'xi żoni madwar il-lokalita'. Kompla jgħid illi ser jibgħat email lil kunsilliera kollha ħalli jissuġġerixxu l-aħjar żoni fejn jitpoġġew dawn il-*bicycle racks*. *Bicycle Racks*

Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jkun hemm *racks* ukoll fiċ-ċentru tal-lokalita'.

**Kien hemm diskussjoni mill-kunsilliera preżenti dwar fejn għandhom jitpoġġew dawn ir-racks u kien hemm qbil li ebda minnhom ma jitpoġġew fuq il-*promenade*.** *Fustun għal perijodu tas-sajf*

**Il-Kunsilliera J. Higgans daħlet għal laqgħa fis-7:14pm**

75.4.3 L-A. Seg. Eżek. saqsa lill-kunsilliera preżenti jekk kienx hemm qbil li din is-sena bħal ma sar fi snin li għaddew, hemmx qbil li jintrama' fustun tad-dawl madwar il-promenade kollu għax-xhur tas-sajf. *Proċeduri tal-baġits*

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-kunsill ser iġib tlett stimi.**

75.4.4 L-A. Seg. Eżek. qal li kull spiża li ser tiġi diskussa waqt laqgħa tal-kunsill trid l-ewwel tiġi diskussa fil-kumitat tal-finanzi, imbagħad tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni mill-istess kumitat fil-laqgħa tal-kunsill. Kompla jgħid li huwa essenzjali li mil-leġislatura li jmiss, il-kunsill għandu jżomm ma' l-allokazzjoni tal-baġits. Dan il-proċess irid isir bħala parti mil-proċeduri tal-kunsill. *Sliema Wanderers FC*

75.5.4 L-A. Seg. Eżek. qal li fuq inizjattiva tiegħu ordna plakka kommemorattiva sabiex tiġi preżentata lil-kumitat tas-Sliema Wanderers fl-okażjoni tar-rebħ tal-FA Trophy. Din il-preżentazzjoni ser issir il-Ħamis 6 ta' Ġunju fil-11:30am fil-club ta' l-istess tim.

75.5.6 L-A. Seg. Eżek. tkellem dwar l-ewwel fażi ta' *refurbishment* ta' l-uffiċċju tal-kunsill. Spjega kif ser isir ix-xogħol u li dan ser jibda f'nofs it-Tnejn 17 ta' Ġunju u jitlesta sa l-aħħar ta' Lulju. *Uffiċċju Refurbishment*

## 75.5 RAPPORTI

75.5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn April sax-xahar ta' Mejju. *Rapporti*

Ma kienx hemm kummenti jew kunsiderazzjonijiet mill-kunsilliera preżenti dwar ir-rapporti mibgħuta mill-*contracts manager.*

75.6 **APPROVAZZJONI TA' Q1 *QUARTERLY REPORT JAN TO MAR 2024*** *Approvazzjoni Q1*

75.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-Q1 *QUARTERLY REPORT JAN TO MAR 2024.*
Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

75.7 **PROPOSTA MILL-VIĊI SINDKU**

75.7.1 Il-Viċi Sindku ippropona li isir kliem apposta għal dawk l-organizzazzjonijiet kollha li ser jibbenifikaw mill-iskema ta' l-attivitajiet tal-kunsill u/jew meta jssir preżentazzjoni uffiċċjali lil xi għaqda Slimiża, sabiex dejjem jissemma l-kunsill kollu u mhux xi individwu jew membru tal-kunsill biss.

**Kien hemm qbil dwar din il-proposta mill-kunsilliera preżenti wara li saret diskussjoni.**

L-A. Seg. Eżek. qal li ser jibgħat il-kliem permezz ta' email, biex jiġi approvat mill-kunsilliera.

Kien hemm qbil dwar dan u l-kliem li intgħażel huwa dan:

**Verżjoni bil-Malti:**
*Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema għas-sostenn u kollaborazzjoni sħiħa sabiex tiġi organizzata din l-attivita'*

**Verżjoni bl-Ingliż:**
*We (NGO name) would like to thank the Sliema Local Council for their full support and collaboration in the organization of this event.*

---

75.8 **ITEMS OĦRA**

75.8.1 L-Aġent Seg. Eżek. spjega li rċieva komunikazzjoni mill-Minority Leader, il-Kunsillier D. Muscat li kienet tgħid hekk:

*Nixtieq inressaq kjarifika fis-seduta tal-Kunsill Lokali li jmiss dwar fondi pubbliċi li ma applikajniex għalijhom maħruġa mil-LESA u li bihom stajna xtrajna cameras tas sigurta u ħadna pariri anki dwar maintanance tagħhom.*

*Ma din qed inressaq mozzjoni biex mill aktar fis possibli l-kunsill ikollu persuna iffiljata tista tkun diga impjegata mal-kunsill jew li gejja minn barra biex tiehu*

*hsieb u tkun attenta ghal kull applikazzjoni ta' fondi li jidhlu u li tara li dawn jigu implimentati mill-aktar fis possibli u li jintużaw sew u fejn meħtieġ.*

Il-Kunsillier D. Muscat qal li l-ġimgħa li għaddiet kien sema' lil Ministru Byron Camilleri li kien irrimarka li l-kunsill ma kien applika għal fondi tal-LESA għal cameras tas-sigurta' madwar il-lokalita'. Qal li f'Jannar il-kunsill kien irċieva email dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-fondi.
Kompla jgħid li ħass li l-kunsill naqas fil-konfront tar-residenti li jridu iktar sigurta' fil-lokalita'.

Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm bżonn li l-kunsill jimpjega xi ħadd *full-time* sabiex jieħdu ħsieb dawk il-proġetti, tenders u skemi tal-Gvern, ħalli b'hekk ma terġax tiġri din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk nistgħux insibu terzi persuni sabiex jagħmlu dan it-tip ta' xogħol.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-kunsill jista' jikteb lir-Reġjun Lvant dwar jekk għandhomx skemi jew fondi sabiex f'tas-Sliema jiġu installati kameras tas-sigurta'.

Il-Kunsillier K. Wain irrimarka li irid ikun hemm bilanċ meta jiġu installati il-kameras tas-sigurta', dan sabiex ma noħolqux problemi għal privatezza tar-residenti.

Il-Viċi Sindku qal li l-iskop ta' dawn il-kameras huwa sabiex jinqabdu n-nies li qed iħammġu b'mod illegali.

Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm bżonn li l-kunsill għandu jikteb lit-TM sabiex issir talba biex fi Triq it-Torri jiġu installati *'speed cameras'*

**75.8.2** Il-Viċi Sindku spjega li x-xogħol biex titneħħa xkora b'materjal ta' kostruzzjoni li kienet fi Triq Borg Olivier, ġie ordnat direttament lill-kuntrattur mingħandu stess. Dan sar, għax ma kien hemm l-ebda mod ieħor kif jinġabar dan l-iskart.

**75.8.3** Il-Viċi Sindku irringrazzja lil kunsillier P Radmilli għax-xogħol li għamel f'dawn l-aħħar snin li serva bħala kunsillier f'Tas-Sliema. Ma dan ir-ringrazzjament ingħaqdu ukoll il-kunsilliera kollha preżenti.

Il-kunsillier P Radmilli qal li personalment tgħallem ħafna f'dawn is-snin li serva bħala kunsillier u llum iqis il-kunsill bħala t-tieni familja tiegħu.

Il-kunsilliera V. Galea Pace ħadet l-okażjoni ukoll biex tirringrazzja lil kunsillier P Radmilli għal ħidmietu f'dawn it-tnax il-sena li serva lir-residenti Slimiżi.

75.8.4 Il-kunsillier J. Dougall staqsa lis-Sindku biex jgħati rendikont dwar ix-xogħol ta' tibdil ta' bankijiet u lampi fi Triq Bisazza.

Is-Sindku qal li x-xogħol għaddej b'ritmu mgħaġġel wara li kellu laqgħa ma' l-inġinier dwar l-arbli tad-dawl ta' Triq Bisazza, sabiex jaraw meta dawn ser jitbiddlu.

75.8.5 Il-kunsillier D. Soler saqsa jekk il-bankina li hemm fi Triq il-Kbira tista' tiġi rranġata peress li qed jaqaw xi nies fiha. Qal ukoll li meta jitwaħħlu sinjali mill-ħaddiema tal-kunsill, dawn jitwaħħlu dritt kemm jista' jkun.

75.8.6 L-A. Seg. Eżek. qal li illum beda proġett fejn l-arbli u sinjali msaddin li hemm tul il-promenade kollu qed jiġu mneħħija mill-ħaddiema tal-kunsill.

75.8.7 Il-Kunsillier D. Muscat qal li kellu ilmenti minn residenti ta' triq partikolari li qed ikun hemm nies li qed joqgħodu għarwenin fuq il-bjut tagħhom. Saqsa jekk il-kunsill jista' jaħdem fuq *by-law* dwar dan.

Il-Kunsillier P Radmilli b'risposta għal dan qal li hemm liġi ġenerali li tissejjaħ 'ordni pubblika', fejn jekk xi ħadd qed jagħmel atti mhux ta' quddiem in-nies fil-pubbliku, wieħed għandu jirrapporta direttament lil pulizija u għalhekk m'hemmx għalfejn li l-kunsill jaħdem fuq *by-law*.

75.8.8 Il-Kunsillier D. Muscat qal li rċieva ilmenti dwar van ipparkjat ħdejn in-niżla għal bajja ta' Taormina li fih sitt ċilindri kbar tal-gass. Saqsa jekk jistgħax isir rapport mill-kunsill lill-pulizija dwar dan.

75.8.9 Il-Kunsillier P Radmilli qal li kien bagħat filmat ta' vettura tal-ġbir ta' l-iskart li kienet għaddejja minn Triq Pace u kien qed isuq b'lura u li ħoloq kaos sħiħ. Kompla billi qal li għamel is-suġġeriment li dawn in-nuqqasijiet jiġu irrappurtati lil Monitoring Unit tad-DLG.

L-A. Seg. Eżek. spjega li l-għada sar rapport lir-Reġjun Lvant dwar dan, pero' s'issa ma rċieva l-ebda risposta.

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-kunsill jikteb ittra formali li tiġi iffirmata mingħand il-kunsilliera kollha, fejn issir talba lir-Reġjun Lvant sabiex jitteħdu passi billi tinħareġ *default notice* lil kuntrattur taż-żibel.

75.8.10 Il-kunsillier P Radmilli qal li meta sar il-kuntratt mal-kuntrattur tal-*landscaping*, jekk ikun siġra mejta, din għandha titneħħa mill-istess kuntrattur u titħawwel siġra oħra minflokha. Staqsa jekk il-kunsill jista' jiċċekkja jekk il-kuntratt verament jgħid hekk. Kompla jgħid li jekk il-kuntratt jgħid hekk, allura hemm xi siġar li tħawlu fejn il-*black gold bar*,

dan jitneħħew u jitħawlu siġar minflokom.

75.8.11 Il-Kunsillier W Baldacchino staqsa meta ser titwaħħal mera faċċata tat-Triq Madonna tas-Sacro Cuor fic-*center strip*, sabiex jistgħu joħorġu l-karrozzi b'mod sigur.

75.8.12 Il-Kunsilliera I Fenech staqsiet jekk ix-xogħol fuq il-bankini li kellu jsir mill-kunsill beda jew le?

Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fl-ewwel triq, Triq Ġafar beda u ser jispiċċa fil-ġimgħat li ġejjien, qabel l-elezzjoni. It-toroq l-oħrajn ser jibda x-xogħol fuqhom wara l-elezzjoni.

---

## 75.09 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

Ma kien hemm l-ebda rapporti mis-sotto kumitati

## 75.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

75.10.01 Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**Il-Viċi Sindku A Debono ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.**
**Il-kunsilliera J Higgans issekondat.**

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

## 75.11 MOZZJONIJIET

75.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 75.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

Is-seduta ntemmet fil-10:00pm.

75.12.01 Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar L-Erbgħa d-19 ta' Ġunju, 2024, fis-6pm.

John Pillow

Sindku

Pierre P Portelli

Aġent Segretarju Eżekuttiv